PARLAMENT TA' MALTA

SERVIZZ PARLAMENTARI

ESPRESSJONI TA' INTERESS GĦALL-PROVVISTA TA' SERVIZZI TA' CATERING FIL-PARLAMENT TA' MALTA

10 ta' Novembru 2026

1. INTRODUZZJONI

Il-Parlament ta' Malta jistieden lil operaturi ekonomiċi kkwalifikati biex jissottomettu Espressjoni ta' Interess (EI) għall-provvista u t-tħaddim ta' servizz ta' catering (kafetterija) fil-bini tal-Kamra tad-Deputati, il-Parlament ta' Malta (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-bini tal-Parlament").

L-għan ta' din l-EI huwa li jiġu identifikati operaturi xierqa li jkunu kapaċi jipprovdu servizzi ta' ikel u xorb ta' kwalità għolja lill-Membri Parlamentari, lill-persunal tal-Parlament u lil persuni oħra awtorizzati li jkollhom aċċess għall-bini tal-Parlament.

L-operatur magħżul ikun responsabbli mit-tħaddim ta' kuljum, mill-ġestjoni u mill-manutenzjoni tal-faċilitajiet tal-kafetterija, skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan id-dokument.

Is-servizz qed jintalab għal perjodu inizjali ta' sena (1) mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt, li jista' jiġi mġedded għal perjodi ulterjuri ta' sena (1) kull wieħed.

2. LINJI GWIDA

2.1 Istruzzjonijiet għall-Applikanti Prospettivi

1. L-applikanti għandhom jippreżentaw il-Formola tal-Applikazzjoni mimlija kif suppost, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn kollha mitluba f'din l-EI.
2. L-applikanti għandhom jinnominaw rappreżentant awtorizzat, li għandu jaġixxi bħala l-persuna ta' kuntatt prinċipali u li, f'każ li l-applikazzjoni tiġi milqugħa, jidħol f'kuntratt mas-Servizz Parlamentari.
3. Is-sottomissjoni ta' applikazzjoni tikkostitwixxi aċċettazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet kollha li jinsabu f'din l-EI.
4. L-applikanti għandu jkollhom reġistrazzjoni valida għall-finijiet tal-VAT u l-liċenzji kollha meħtieġa biex joperaw stabbilimenti ta' catering u ta' servizzi tal-ikel f'Malta.
5. L-applikazzjonijiet għandhom jibqgħu validi għal perjodu ta' disgħin (90) jum wara l-iskadenza għas-sottomissjoni.
6. Is-Servizz Parlamentari jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kwalunkwe sottomissjoni jew is-sottomissjonijiet kollha mingħajr ma jipprovdi ġustifikazzjoni.

2.2 Skeda taż-Żmien tal-Applikazzjoni

Attività	Data
Pubblikazzjoni tal-EI	10 ta' Novembru 2026
Skadenza għat-talbiet għal kjarifika	16 ta' Novembru 2026
Żjara fuq il-post	23 ta' Novembru 2026
Ħruġ tat-tweġibiet għal kjarifiki	27 ta' Novembru 2026
Skadenza għas-sottomissjoni	7 ta' Diċembru 2026

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lil:

L-Iskrivan tal-Kamra
Il-Parlament ta' Malta
Misraħ il-Ħelsien
Il-Belt Valletta VLT 1010

u għandhom jintbagħtu elettronikament fuq clerkofthehouse@parlament.mt

Sottomissjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux kompluti ma jiġux ikkunsidrati. Madankollu, is-Servizz Parlamentari jirriżerva d-dritt li, fid-diskrezzjoni tiegħu, jestendi l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

L-applikazzjonijiet jinfetħu fil-11 ta' Diċembru 2026. Skeda tal-ftuħ tal-offerti għandha titwaħħal fuq in-notice board tas-Servizz Parlamentari skont l-ordni li fiha jaslu l-applikazzjonijiet, abbażi tal-ħin irreġistrat fuq l-email li tkun waslet għand l-Iskrivan tal-Kamra. Fuq il-lista jintwerew biss l-isem jew l-ismijiet tal-applikant jew tal-applikanti li jkunu ppreżentaw applikazzjoni b'rabta ma' din l-EI.

2.3 Rekwiżiti għas-Sottomissjoni

L-applikanti għandhom jipprovdu:

Taqsima A: Dettalji tal-Applikant

L-applikazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- Isem tal-Kumpanija
- Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpanija
- Numru tal-VAT
- Indirizz Reġistrat
- Persuna ta' Kuntatt
- Numru tat-Telefon
- Indirizz tal-Email

Taqsima B: Proposta Teknika

Il-proposta għandha tinkludi:

- Deskrizzjoni tat-tħaddim tal-kafetterija
- Il-menu propost
- Lista tal-prezzijiet
- Pjan tal-persunal
- Esperjenza rilevanti
- Proċeduri tas-saħħa u s-sigurtà
- Inizjattivi favur is-sostenibbiltà

Taqsima Ċ: Dikjarazzjoni

Bis-sottomissjoni ta' applikazzjoni, l-applikant qiegħed jikkonferma li jikkonforma mar-rekwiżiti kollha ta' din l-EI.

Taqsima D: Dokumentazzjoni ta' Sostenn

Flimkien mal-applikazzjoni, l-applikanti għandhom jippreżentaw ukoll:

- Ċertifikat tal-VAT
- Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpanija
- Reġistrazzjoni ta' Negozju tal-Ikel, inklużi l-liċenzji u l-permessi
- Ċertifikat tal-Assigurazzjoni għar-Responsabbiltà Ċivili
- Ċertifikati ta' taħriġ fl-immaniġġjar tal-ikel għall-persunal li jkun se jiġi assenjat biex jaħdem fil-bini tal-Parlament

Applikazzjonijiet li jkollhom informazzjoni obbligatorja nieqsa jistgħu jiġu skwalifikati jekk l-informazzjoni nieqsa ma tiġix ippreżentata sal-iskadenza indikata.

L-applikanti għandhom jippreżentaw id-dokumenti rilevanti f'format PDF permezz ta' email jew ta' links għat-trasferiment ta' fajls (eż. wetransfer.com). Links għal sistemi ta' cloud storage, bħal Google Drive jew OneDrive, ma jiġux ikkunsidrati.

3. TERMINI U KUNDIZZJONIJIET

3.1 Ambitu tas-Servizzi

L-operatur magħżul għandu:

1. Iħaddem il-kafetterija tal-Parlament matul il-ħinijiet tal-ftuħ miftiehma. Il-ħinijiet minimi tas-servizz matul il-ġimgħat li fihom tiltaqa' l-Kamra mistennija jkunu kif ġej:

   It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa **3.00 – 7.00 p.m.**

   Il-Kamra ġeneralment tiltaqa' minn Ottubru sa Lulju, b'waqfa ta' madwar ġimagħtejn fil-Milied u fl-Għid.

   Se jkun qed isir kull sforz biex kwalunkwe bidla fl-iskeda parlamentari tiġi kkomunikata minn qabel fi żmien suffiċjenti.

2. Jipprovdi varjetà ta' ikel ippreparat frisk, li jista' jinkludi:
   - Sandwiches u wraps
   - Insalati
   - Pasti u dežerti
   - Snacks ippakkjati

3. Jipprovdi varjetà ta' xorb, inklużi:

- Te u kafè
- Ilma mingħajr gass u ilma bil-gass
- Xorb mhux alkoħoliku
- Juices
- Birra

4. Iżomm lista tal-prezzijiet aġġornata f'post li jidher.

5. Jiżgura li l-prodotti fil-menu jkunu disponibbli b'mod konsistenti matul il-ħinijiet kollha tal-ftuħ.

6. Iżomm standards professjonali xierqa fis-servizz mogħti lill-klijenti.

3.2 Il-Post u t-Tagħmir

1. Is-Servizz Parlamentari jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-operatur magħżul iż-żona indikata għall-użu tiegħu, li tinkludi faċilitajiet bażiċi ta' catering.
2. L-operatur magħżul mitlub jipprovdi kwalunkwe tagħmir addizzjonali, platti, kikkri, tazzi eċċ u oġġetti oħra meħtieġa għat-tħaddim tas-servizz li ma jkunux diġà disponibbli. Kwalunkwe tagħmir elettriku għandu jiġi approvat mis-Servizz Parlamentari qabel ma jintuża.
3. L-operatur magħżul ikun responsabbli għall-użu xieraq tat-tagħmir kollu użat fl-għoti tas-servizz.
4. L-operatur għandu jżomm il-post nadif, iġjeniku u f'kundizzjoni tajba f'kull ħin.

3.3 Rekwiżiti tal-Persunal

Huwa d-dmir tal-operatur magħżul li:

1. Jassenja kemm meħtieġ persunal li jkun ikkwalifikat kif xieraq.
2. Jiżgura li l-persunal assenjat ikun kapaċi jikkomunika kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.
3. Jiżgura li l-persunal ikun liebes uniformi xierqa.
4. Jiżgura li l-persunal kollu assenjat ikollu ċertifikati validi fl-immaniġġjar tal-ikel.
5. Jikkonforma mar-regolamenti kollha dwar l-impjieg u x-xogħol.

3.4 Konformità mar-Rekwiżiti tas-Saħħa, is-Sigurtà u mar-Regolamenti

Għandu jkun id-dmir tal-operatur magħżul li:

1. Iħaddem proċeduri xierqa tal-HACCP u jiżgura konformità mar-regolamenti lokali kollha applikabbli dwar is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa u l-iġjene.
2. Jakkwista u jżomm il-liċenzji u l-permessi kollha meħtieġa mil-liġi.
3. Jimplimenta proċeduri xierqa dwar is-saħħa u s-sigurtà.
4. Ikollu assigurazzjoni valida għar-responsabbiltà ċivili matul il-perjodu kollu tal-kuntratt.
5. Jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti fi kwalunkwe spezzjoni li jwettqu.

3.5 Sostenibbiltà

Is-Servizz Parlamentari jinkoraġġixxi prattiki sostenibbli, inklużi:

- It-tnaqqis tal-użu ta' plastik li jintuża darba biss
- Is-separazzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart
- L-akkwist ta' prodotti minn sorsi sostenibbli
- Użu effiċjenti tal-enerġija
- Ippakkjar li jirrispetta l-ambjent

L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-miżuri li se jieħdu favur is-sostenibbiltà fil-proposta tagħhom.

3.6 Għażla u Evalwazzjoni

Kull applikazzjoni tiġi ttrattata b'kunfidenzjalità stretta mill-kumitat ta' evalwazzjoni. Is-Servizz Parlamentari jirriżerva d-dritt li, fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħżel u/jew jirrifjuta kwalunkwe waħda mill-applikazzjonijiet sottomessi jew l-applikazzjonijiet kollha. Jekk ebda wieħed mill-applikanti ma jitqies sodisfaċenti, is-Servizz Parlamentari jirriżerva d-dritt li jafda s-servizz indikat lil operaturi ekonomiċi oħra (li mhux bilfors ikunu pparteċipaw f'din l-EI).

Il-kuntratt jingħata lill-applikant li jissottometti l-offert li tikseb l-ogħla punteġġ skont it-Tabella ta' Evalwazzjoni u li jinkludu r-rekwiżiti kollha ta' dan id-dokument tal-EI. Jekk aktar minn applikant wieħed jikseb l-istess punteġġ, il-kuntratt jingħata mis-Servizz Parlamentari fuq bażi ta' liema offerta tkun waslet l-ewwel, skont il-ħin irreġistrat fuq l-email li jkun fiha l-formola tal-applikazzjoni u d-dokumenti relatati.

L-applikazzjonijiet jiġu evalwati skont il-kriterji li ġejjin:

	Kriterji		Punti	
			Minimu	Massimu
1	**Prodotti tal-ikel***			
	Sandwiches u wraps	Minimu ta' 2 tipi	5	10
	Insalati	Minimu ta' tip wieħed	5	10
	Pasti u Dežerti	Minimu ta' 2 tipi	5	10
	Snacks Ippakkjati	Minimu ta' 2 tipi	5	10
2	**Xorb**			
	Te u kafè		5	5
	Ilma mingħajr gass u ilma bil-gass (bottijiet/fliexken żgħar)		5	5
	Xorb mhux alkoħoliku u juices (bottijiet/fliexken żgħar)	Minimu ta' tip wieħed/Massimu ta' 3 tipi	5	10
	Birra (bottijiet/fliexken żgħar)	Minimu ta' tip wieħed	5	5
3	**Price List**			
	Prezz meta mqabbel mal-kwalità		10	15
4	**Persunal**			
	Persunal assenjat għas-servizz	Minimu ta' persuna waħda/massimu ta' 2 persuni	5	10

5	Kunsiderazzjoni ta' prattiki sostenibbli	Abbażi tal-miżuri ddikjarati	5	10
Total			60	100

* Għandhom jiġu indikati l-allerġeni fil-prodotti tal-ikel. Għandha tiġi inkluża tal-inqas għażla waħda gluten free u għażla waħda vegana. Jingħata punt addizzjonali għal kull prodott ieħor addizzjonali.

Punteġġ minimu meħtieġ: 60 punt

L-applikanti li ma jiksbux il-punteġġ minimu meħtieġ jiġu skwalifikati minn din l-EI.

3.7 Arranġamenti Finanzjarji

L-operatur magħżul ikun responsabbli, bi spejjeż u riskju tiegħu stess, għall-akkwist, il-preparazzjoni, il-provvista u s-servizz tal-ikel u x-xorb kollu li għandu jkun disponibbli skont il-kuntratt, inklużi l-ispejjeż kollha relatati mal-persunal, l-ingredjenti, il-provvisti, it-tagħmir, it-trasport, il-ħażna u spejjeż operattivi oħra.

L-operatur magħżul iżomm id-dħul kollu ġġenerat mill-bejgħ tal-ikel u x-xorb u jkun unikament responsabbli għall-ispejjeż u n-nefqa kollha li jsiru għall-provvista tas-servizz. Għaldaqstant, kwalunkwe profitt li jirriżulta mit-tħaddim tas-servizz jakkumula kollu kemm hu favur l-operatur magħżul, filwaqt li kwalunkwe telf jiġi sostnut kollu kemm hu minnu.

Ma għandu jitħallas ebda korrispettiv finanzjarju mill-operatur magħżul lis-Servizz Parlamentari, jew viċi versa, fir-rigward tat-tħaddim tas-servizz.

3.8 Indennizz

L-operatur magħżul għandu jindennizza u jżomm indemni lill-Parlament ta' Malta, lill-membri tiegħu u lill-impjegati tiegħu minn kwalunkwe pretensjoni, responsabbiltà, telf, dannu u spiża li jirriżultaw mit-tħaddim tas-servizz ta' catering.

ANNESS 1

FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI

TAQSIMA A – DETTALJI TAL-APPLIKANT

- Isem tal-Kumpanija:
- Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpanija:
- Numru tal-VAT:
- Indirizz:
- Persuna ta' Kuntatt:
- Numru tal-Mobile:
- Indirizz tal-Email:

TAQSIMA B – PROPOSTA

1. Kunċett tas-Servizz ta' Catering

- Deskrizzjoni tas-servizzi li għandhom jiġu pprovduti.

2. Menu Propost

- Ehmeż il-menu propost u l-lista tal-prezzijiet.

3. Ħinijiet tat-Tħaddim

- Il-ħinijiet tat-tħaddim proposti, li għandhom ikunu tal-inqas dawk indikati fit-Taqsima 3.1(1) ta' din l-EI.

4. Pjan tal-Persunal

- In-numru ta' impjegati u r-rwoli tagħhom.

5. Esperjenza Rilevanti

- Kuntratti preċedenti relatati ma' kafetteriji jew servizzi ta' catering.

TAQSIMA Ċ – DIKJARAZZJONI

Jiena/Aħna niddikjara/w li l-informazzjoni kollha ppreżentata hija korretta u li naċċetta/w il-kundizzjonijiet li jinsabu f'din l-Espressjoni ta' Interess.

Isem:
Firma:
Data:

TAQSIMA D – DOKUMENTAZZJONI RIKJESTA

- ☐ Formola tal-Applikazzjoni mimlija
- ☐ Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni tal-Kumpanija
- ☐ Ċertifikat tal-VAT
- ☐ Ċertifikat tal-Assigurazzjoni għar-Responsabbiltà lejn Tterzi Persuni
- ☐ Reġistrazzjoni ta' Negozju tal-Ikel
- ☐ Ċertifikati fil-Food Handling
- ☐ Menu propost bil-lista tal-prezzijiet
- ☐ Profil tal-Kumpanija
- ☐ Kwalunkwe dokumentazzjoni oħra relatata

DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ

Bis-sottomissjoni ta' applikazzjoni, l-applikanti jikkonfermaw li qraw, fehmu u aċċettaw it-termini u l-kundizzjonijiet kollha li jinsabu f'din l-Espressjoni ta' Interess, u li l-informazzjoni kollha ppreżentata hija korretta u kompluta.